MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2015

Appell Civili Numru. 354/2006/2

**Appell Numru: 354/2006**

**FENECH PLANT HIRE LIMITED (C6017)**

**Vs**

**PETER MONTEBELLO**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza tal-10 ta' Gunju 2013, fejn il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> *"Il-Qorti,*
>
> *Rat ir-rikors ippresentat mis-socjeta rikorrenti fis-16 ta' Novembru tas-sena 2006 fejn sejhet lill-intimat quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex*

*m'ghandux ikun ikkundannat ihallas lis-socjeta` attrici ssomma ta' tlett elef tlett mija wiehed u ghoxrin Lira Maltin u sitta u disghin centezmu (LM3,321.96,0), rapprezentanti l-prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut, fuq ordni tieghustess.*

*Bl-imghax u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra legali tat-13 ta' Ottubru, tas-sena 2004, kontra l-intimat, ingunt ghas-subizzjoni.*

*Rat ir-risposta ta' l-intimat datata l-5 ta' Marzu tas-sena 2007 li permezz taghha wiegeb is-segwenti:*

1. *Illi preliminarjament in-nullita' ta' l-Avviz ghaliex dan huwa formulat b'mod tant vag u generiku illi jaghmilha impossibbli lillesponenti jifhem ezattament ghal liema konsenja ta' merkanzija: la hemm indikazzjoni tal- generu tal-merkanzija, la fattura jew almenu statement esebit, b'mod illi l-esponenti ma jistax jeccepixxi u jiddefendi ruhu li ggib in-nullita` konsegwenti ta' l-avviz;*

2. *Illi l-esponent jghid illi sa fejn jaf huwa m'ghandu jaghti xejn lis-socjeta` attrici. L-ahhar negozju li sar bejniethom kien hafna snin ilu u jinsab imhallas. L- esponenti pero` qed jirrizerva illi jeccepixxi ulterjorment, jekk il-Qorti taghti fakolta` lill-attrici li ticcara, l-avviz b'mod illi l-esponent jista` jkun jaf il-bazi tat-talba, inkluz li jeccepixxi, jekk ikun il-kaz, il-preskrizzjoni applikabbli;*

*Rat illi fis-17 ta' Settembru tas-sena 2007, l-intimat ippresenta risposta ulterjuri li permezz taghha wiegeb is- segwenti:*

1. *Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni tan- nullita`, l-esponenti jeccepixxi ulterjorment:*

a. *Il-preskrizzjoni tat-tmintax-il xahar, a tenur ta' l- artikolu 2148 (a) tal-Kodici Civili;*
b. *Minghajr pregudizzju, dik tas-sentejn, a tenur ta' l- artikolu 2149 (a) tal-Kodici Civili;*
c. *Minghajr pregudizzju, dik tal-hames snin, a tenur tal- artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili;*

*Rat illi, fit 22 ta' Ottubru 2008, dina l-Qorti, diversament ippresjeduta, ghaddiet biex tiddeciedi l-kawza odjerna fuq l-eccezzjonijiet kollha imressqa mill-intimat u, filwaqt illi cahdet l-eccezzjonijiet tal-intimat, laqghet it-talbiet attrici bl-ispejjez.*

*Rat illi fit 13 ta' Marzu 2009, il-Qorti tal-Appell, wara appell intavolat mill-intimat, cahdet l-appell tal-intimat u kkonfermat is-sentenza tal-Prim Istanza fejn laqghet it-talbiet tas-socjeta attrici.*

*Rat illi fil 21 ta' Lulju 2009, il-Prim Awla tal-Qorti Civili, fil-kompetenza kostituzzjonali taghha, cahdet applikazzjoni maghmulha mill-intimat fejn gie mitlub jigi dikjarat li l-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati kif ukoll il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) ivvjolaw id-disposizzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni peress illi l-intimat ma inghatax id-dritt ghas-smigh xieraq quddiem il-Qorti tal-Magistrati stante illi tali Qorti iddecidiet il-kawza fuq l-eccezzjonijiet kollha ghalkemm l-intimat sahaq illi kienu tressqu biss provi fuq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.*

*Rat illi fil 31 ta' Jannar 2011, il-Qorti Kostituzzjonali, wara appell intavolat mill-istess intimat, iddikjarat li l-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati kien attwalment ivvjolaw l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u, filwaqt illi annullat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fit-22 ta' Ottubru 2008 u dik moghtija mill-Qorti tal-Appell fit 13 ta' Marzu 2009 u ordnat issegwenti:-*

*"li l- atti tal-kawza msemmija quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) u tal-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri jintbaghtu lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabiex tiddeciedi dwar ittalbiet fl-avviz/rikors 354/06 SM wara li tiehu konjizzjoni tal-eccezzjoni numru 2 fir-risposta ta' Peter Montebello tal- 5 ta'
Marzu 2007 rigwardanti li ma ghandu jaghti xejn lis- socjeta` attrici u li n-negozju li sar bejniethom snin qabel jinsab imhallas, u wara li tisma' l-provi li jistghu jgibu l- partijiet in sostenn tat-talbiet attrici u/jew tal-eccezzjoni imsemmija f'dik il-kawza."*

*Rat illi, fl 4 ta' Lulju 2011, quddiem dina l-Qorti kif ippresjeduta, il-partijiet qablu li l-provi li fadal sabiex jigu prodotti kienu jirrgwardaw it-tieni eccezzjoni imressqa mill-intimat fil 5 ta' Marzu 2007, ossija illi "sa fejn jaf huwa ma ghandu jaghti xejn lis-socjeta attrici."*

*Rat ix-xhieda ta' Carmel Fenech moghtija quddiem din il-Qorti, diversament ippresjeduta, fit 2 ta' Mejju 2007 u d-dokumenti minnu esebiti dakinhar, kif ukoll dik minnu moghtija fil 5 ta' Dicembru 2007 u l-kontro ezami tieghu.*

*Rat l-affidavit ta' Peter Montebello ippresentata fl-24 ta' Settembru 2007.*

*Rat ix-xhieda ta' Philip Fenech moghtija fil-5 ta' Dicembru 2007 u il-kontro ezami tieghu.*

*Rat ix-xhieda ta' Joseph Fenech moghtija fil 5 ta' Dicembru 2007 u il-kontro ezami tieghu.*

*Rat ix-xhieda in kontro-ezami ta' Peter Montebello moghtija fis 26 ta' Frar 2008.*

*Semghet ix-xhieda in kontro ezami ta' Carmelo Fenech moghtija fit-28 ta' Ottubru 2011.*

*Semghet ix-xhieda u kontro ezami ta' Peter Montebello moghtija fit 2 ta' Dicembru 2011.*

*Rat illi fis-seduta tal 21 ta' Mejju 2012, il-konsulent legali tas-socjeta attrici iddikjara illi mill-hames cheques allegatament imhallsa mill-konvenut lis-socjeta attrici, l-unika wiehed illi huwa kkontestat jekk kienx imsarraf jew le kien attwalment wiehed fl-ammont ta' Lm1,500 datat 24 ta' April 1998.*

*Semghet ix-xhieda ta' Audrey Ghigo, rappresentanta tal-HSBC Bank (Malta) plc illi xehdet dwar ic-cheque imsemmi fil-verbal tal 21 ta' Mejju 2012 u li kkonfermat li dana issarraf mis-socjeta rikorrenti fl 4 ta' Mejju 1998.*

*Rat illi fis 26 ta' Ottubru 2012, is-socjeta rikorrent ippresentat nota ta' riduzzjoni billi naqqset it-talba taghha bil-valur ta' Lm1,500, u dana ghal €4,244.02 ekwivalenti ghal bilanc ta' Lm1,821.96.*

*Rat illi fis-26 ta' Ottubru 2012 il-kawza giet differita ghas-sentenza bil-fakolta' tan-noti.*

*Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimat ippresentat kemm fil 31 ta Dicembru 2012 kif ukoll precendentement fil 21 ta' April 2008.*

*Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta rikorrenti ippresentata fis 7 ta' Jannar 2013 kif ukoll precedentement fit 3 ta' Lulju 2008.*

*Ikkunsidrat*

*Illi l-fatti kollha tal-kawza kienu gia gew riassunti korrettement mill-ewwel Qorti li semghet u ddecidiet il-kawza fit 22 ta' Ottubru 2008 u ghalhekk ikun opportun illi jirriproduci is-sintezi taghha stess:-*

*"Illi l-vertenza odjerna tista' tigi sintetikament kompilata bilmod segwenti:*

*1. Illi skond ir-rezokont ippreparat mis-socjeta` attrici li jidher a fol 38, l-ammont pretiz minnhom ikopri l-perjodu minn Marzu ta' l-1998 sa Marzu tas-sena ta' wara;*

*2. Illi skond l-istess analisi jirrizulta li l-konvenut hu debitur tas-socjeta` attrici fl-ammont ta' tlett elef,. tlett mija u wiehed u ghoxrin Lira Maltin u sitta u disghin centezmu (LM3,321.96,0), ekwivalenti ghal sebat elef seba' mija u*
*tmienja u tletin Ewro u tminn centezmi (€7,738.08);*

*3. Illi dan l-ammont hu pretiz ghall-fornimenti ta' konkos li ssocjeta` rikorrenti ghaddiet lill-intimat matul l- istess perjodu fuq xoghol li l-intimat kien qed jeffettwa f'Wied Ghammieq;*

*4. Illi s-socjeta` rikorrenti kienet tigbed l-attenzjoni tal-konvenut ghal dan l-ammont minnhu dovut u gie affermat li f'okkazzjoni minnhom l-istess konvenut kien anke issugerixxa transazzjoni pacifika u immedjata tal-vertenza billi jpaci l-ammont minnhu dovut lis-socjeta` rikorrenti b'garage proprjeta` li l-intimat kellu f'Marsaskala;*

*5. Illi r-rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti li mieghu kien qed jigu kondotti t-trattattivi informa lill-intimat li sa kemm kien isib ibiegh dan il-garage u jdahhal il-flus tieghu, ma kien hemm l-ebda oggezzjoni ghall-konkluzzjoni ta' dan il-ftehim;*

*6. Irrizulta pero` li meta dan ir-rapprezentant tas- socjeta` rikorrenti ha n-nies bil-ghan li jinnegozja dan il- garage kif xtaq hu, instab li l-entratura ta' l-istess garage ma kinitx tajba ghaliex kienet baxxa;*

*7. Illi wara l-falliment ta' dawn l-isforzi, dan ir- rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti li kien qed jikkonduci t-trattattivi f'isem is-socjeta` indikata ma' l-intimat, informa lill-istess intimat li din l-offerta ma kinitx accettata u ghalhekk baqa' jinsisti mieghu ghall-pagament dovut;*

*8. Illi nonostante dan il-falliment fit-trattattivi l-intimat baqa' jippersisti u nforma lil dan ir-rapprezentant tas- socjeta` rikorrenti li nononostante li l-bieb ta' naha wahda kien inutili, il-bieb ta' l-istess garage, minn naha l-ohra kien ser ikun tajjeb anke ghaliex it-triq kienet ser tinfetah;*

*9. Illi ghalhekk, bil-pacenzja kollha, ir-rapprezentant fuq indikat kien rega' effettwa sopraluog fil-post lilu ndikat u xorta wahda sab li dan kien kollu inutile ghaliex, anke minn hawn, l-entratura ma kienitx tajba;*
*10. Illi ghalhekk, ghal darb'ohra, dan ir-rapprezentant rega' nforma lill-intimat li t-transazzjoni offruta ma kienitx qed tigi milqugha;*

*11. Illi skond l-istess protagonist jirrizulta li l-partijiet involuti ltaqghu diversi drabi, ("...iltqajt mieghu mitt darba..."), (ara fol 36), bil-ghan li l-intimat ihallas tal-konkos lilu konsenjat anke quddiem terzi, izda dan kien inutili;*

*12. Illi jirrizulta li meta rapprezentant iehor tas-socjeta` rikorrenti mar jitlob l-ammont de quo mill-intimat, qala' xebgha li fuqha l-partijiet jidher li ghadhom il-qorti;*

*13. Illi nonostante dan il-kalvarju malizzjuz, xorta baqghu jsiru kuntatti bejn il-partijiet bl-intimat jassigura lirrapprezentant tas-socjeta` rikorrenti li kien ser ihallas -lammont minnu dovut – izda minn fuq, li kienu dejquh, (ara fol*
*36);*

*14. Illi aktar tard, meta iben l-imsemmi rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti li l-aktar kien qed jikkonduci trattattivi ma' l-intimat kellu bzonn xi qtugh ta' blat f'xi post li kien qed jibni, l-intimat gie kkuntattjat biex jeffettwa dan il-qtugh flok*
*li jhallas l-ammont minnu dovut, u dan accetta;*

*15. Illi pero' meta dawn marru jispezzjonaw fejn kellu jsir ix-xoghol pattwit l-intimat informa lill-interlokatur tieghu li kien ser jitolbu rata li effettivament kienet id-doppju tar- rata korrenti fis-suq;*

*16. Illi bi frankezza liema bhala dan ir-rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti jafferma bil-gurament li ried ikun "imbecilli" biex jaccetta tali proposta, u ghalhekk ittrattattivi regghu, ghal darb'ohra ikkrollaw;*

*17. Illi peress li l-ammont ghadu dovut mill-intimat, is-socjeta` attrici kienet kostretta tintavola din il-procedura wara li kienet baghtitlu ittra interpellatorja ghal dan il-ghan, (ara fol 41);"*

*Illi fix-xhieda prodotta quddiem dina l-Qorti dwar il-pagamenti maghmulha mill-intimat, huwa esebixxa hames cekkijijet, li fosthom tlieta minnhom huwa qabel li kienu gia imnizzla fil-kont redatt mis-socjeta rikorrenti u minnha esebit a fol 38 tal-process. Dawna t-tlett cekkijiet kienu jirrigwardaw tlett pagamenti ta' Lm2,000, Lm1,500 u Lm1,000 rispettivament immarkati mill-partijiet bhala pagament Nru 2, Nru 3 u Nru 4.*

*Illi jirrizulta, mix-xhieda tieghu, li kien hemm zewgt pagamenti ohra minnu allegati, ossija pagament ta' Lm1,500 li sar fl 24 ta' April 1998 u pagament iehor ta' Lm1,000 fl 24 ta' Lulju 1998, immarkati mill-partijiet bhala pagamenti Nru 5 u Nru 6 rispettivament.*

*Illi jirrizulta, mill-verbal tas-socjeta rikorrenti u eventwalment nota ta' riduzzjoni ppresentata fis 26 ta' Ottubru 2012, li kien gie koncess li l-pagament ta' Lm1,500 ma kienx gie kkunsidrat u ghalhekk eventwalment tnaqqset it-talba tas-socjeta rikorrenti sabiex jirrifletti tali pagament.*

*Illi jirrizulta mid-dokumentazzjoni ippresentata mill-partijiet, illi ccheque fl-ammont ta' Lm1,000 immarkat bhala Nru 6 huwa attwalment inkluz fil-kont tas-socjeta rikorrenti bhala pagament illi sar f'Lulju 1998 u ghalhekk, a kontrarju ta' dak illi qieghed jikkontendenti l-intimat, tali pagament gie inkluz fil-konteggi tas-socjeta rikorrenti u ma hemmx il-htiega illi jitnaqqas tali pagamenti ukoll.*

*Ikkunsidrat*

*Tenut kont tad-decizjoni mehudha mill-Qorti Kostitutzzjonali fejn annullat 'in toto' is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fit 22 ta' Ottubru 2008 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell, din il-Qorti hija kostretta illi tikkunsidra z-zewgt eccezzjonijiet tal-intimat, ossija leccezzjoni tal-preskrizzjoni, fid-diversita' taghhom kif imposta millintimat, kif ukoll l-eccezzjoni fil-meritu.*
*Illi mill-provi kollha prodotti quddiem dina l-Qorti, kif dik diversament ippresjeduta kif ukoll din odjerna, jirrizulta illi qabel ma inbdew il-proceduri odjerni, il-partijiet kienu ghaddejjin minn diskussjonjiet kontinwi bejniethom sabiex jithallas il-bilanc dovut mill-intimat lis-socjeta rikorrenti.*

*Illi jirrizulta ben ippruvat illi tant l-intimat kien jaf li kellu jhallas lis-socjeta rikorrenti il-bilanc illi kien ried jghaddi garage lis-socjeta rikorrenti sabiex dina tbieghu lill terzi u bir-rikavat tieghu jsaldaw il-*

*bilanc dovut. Gara illi s-socjeta attrici ma accettatx il-garage offrut peress illi ma kienx jghodd ghaliha.*

*Illi jirrizulta ben ippruvat illi sussegwentement, is-socjeta attrici ppruvat tithallas billi tqabbad lill-intimat biex jaghmel xoghol ta' taqttiegh tal-blat, izda l-intimat ried jithallas b'rata li kienet id-doppju ta' dik in uzanza dak iz-zminijiet u ghalhekk il-partijiet ma wasslux.*

*Illi jirrizulta wkoll illi, ftit wara, wiehed mid-direturri spicca kellu incident mal-intimat meta dana qallu biex ihallas dak dovut, tant illi ttiehdu proceduri kriminali kontra l-intimat.*

*Illi jirrizulta ukoll illi, wara tali incident, is-socjeta rikorrenti baghtet ittra interpellatorja lill-intimat f'Ottubru 2004 u eventwalment ipprocediet bil-kawza odjerna fis 16 ta' Novembru 2006.*

*Illi jirrizulta illi l-azzjoni bejn il-partijiet hija wahda ta' natura kummercjali u ghalhekk, anke konfortata minn gurisprudenza f'dana is-sens, kolpita mill-preskrizzjoni tal-hames snin.*

*Illi jirrizulta li, la darba l-ittra interpellatorja intbghatet ftit wara illi lintimat kien accetta li jpaci ghas-somma minnu dovuta billi jqatta l-blat ghas-socjeta rikorrenti, liema tpacija eventwalment ma sehhietx in vista tar-rata oghlja tax-xoghol tal-intimat, huwa ben ippruvat illi l-periodu ta' hames snin rikjest mill-Ligi ma' skadiex u ghalhekk l-azzjoni odjerna hija wahda proposta entro it-terminu tal-Ligi.*

*Ikkunsidrat*

*Illi dwar il-meritu, kif fuq gia spjegat, jirrizulta illi l-intimat kien qieghed jikkontendi li huwa hallas ghal kollox u, ghal dana il-ghan, ippresenta c-cekkijiet kollha minnu mghoddija lis-socjeta rikorrenti ghal hlas. Minn dawna c-cekkijiet, madanakollu, ghalkemm jirrizulta illi pagament ta' Lm1,500 ma keinx inkluz fil-konteggi tas-socjeta rikorrenti, u dif atti tnaqqas, il-bilanc ma jidhirx illi huwa kopert minn xi pagament allegatament dovut mil-intimat.*

*Illi ghalhekk, ghalkemm l-intimati irnexxilu juri li parti mill-ammont mitlub attwalment kien imhallas, huwa ma rnexxilux jeghleb il-prova mressqa mis-socjeta rikorrenti li ghad fadal bilanc li huwa minnu dovut, liema prova hija anke kkorroborata mill-fatt illi l-intimat kien dispost jaghmel tpartit mas-socjeta rikorrenti, anke jekk l-intimat ipprova jghid ilil tali tpartit kien ghal xoghol u mhux ghal bilanc dovut.*

*Illi la darba l-intimat kien f'pusizzjoni jippresenta l-pagamenti kollha illi huwa ghamel fuq il-kont meritu tal-kawza odjerna, certament, kienu ghamel il-pagament kollu kif hu qieghed jishaq, kien ikun f'pusizzjoni ili jissostanzja tali alleggazzjoni bi provi ta' pagament, haga illi huwa ma ghamilx.*

*Illi ghalhekk, il-bilanc kif imnaqqas mis-socjeta rikorrenti ta' €4,244.02 ekwivalenti ghal ammont ta' Lm1,821.96 jidher illi huwa dovut.*

*Konkluzjoni*

*Il-Qorti ghalhekk qieghed tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-intimat, kemm dawk imressqa fil 5 ta' Marzu 2007 u dawk imressqa fis 17 ta' Settembru 2007 u*
*Tilqa' t-talba attrici kif hekk ridotta fis 26 ta' Ottubru 2012 u tikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta rikorrenti is-somma ta' erbat elef, mitejn u erbgha u erbghin Euro u zewgt centezmu (€4,244.02) ekwivalenti ghal bilanc ta' Lm1,821.96 rappreentanti l-bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lilu stess fuq ordni tieghu.*

*Bl-ispejjez u bl-imghax mis-16 ta' Novembru 2006 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat."*

Illi aggravat b'dina id-decizjoni l-appellanti iressaq l-appell odjern fejn jilmenta:

1. Illi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-appellanti kienet diga iffurmat il-mertu ta' sentenza ohra bejn l-istess partijiet deciza minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta tat-13 ta' Marzu 2009 kif ikkonfermat ukoll mid-decizjoni moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fl-istess ismijiet. Kwindi l-Ewwel Qorti malament regghet iddecidiet dina l-eccezzjoni fis-sentenza taghha. Illi minghajr pregudizzju ghal dan l-appellanti jishaq illi l-perijodu statutorju tal-preskrizzjoni qatt ma gie interrott billi qatt ma kien hemm rikonoxximent tad-debitu da parti tieghu u inoltre qatt ma giet ipprezentata ittra ufficjali, izda biss ittra bonarja.

2. Illi fil-mertu, imbaghad il-bilanc ta'l-ammont reklamat jinsab diga imhallas u l-Ewwel Qorti erronjament ma qisietx il-pagamenti li kienu saru mill-appellanti. Dan ukoll ghaliex is-socjeta attrici ma irnexxiliex teghleb il-grad tal-prova rikjesta minnha sabiex teghleb l-pagament eccepiet mill-appellanti u kull ma esebiet kien *ledger entry*. L-appellanti minn naha tieghu iressaq prova ta' hlasijiet fl-ammont ta' Lm7000 permezz ta' hames cekkijiet, li kollha gew imsarrfa mis-socjeta appellata.

Illi dina l-vertenza bejn il-kontendenti segwiet *iter* processwali pjuttost twil fejn sahansitra saret allegazzjoni da parti ta'l-intimat ta' ksur tad-dritt ghal smiegh xieraq kif sancit fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, liema lezjoni ta' dritt gie ikkonfermat mill-Qorti Kostituzzjonali f'sentenza tal-31 ta' Jannar 2011. Dan qed jigi premess mhux tant ghaliex jimpingi fuq il-mertu tal-kaz, izda ghaliex l-appellanti iressaq fl-ewwel gravam il-lanjanza illi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata minnu kienet diga ghaddiet in gudikat bis-sentenza ta' din il-Qorti kif diversament ippresjeduta tat-13 ta' Marzu 2009 u li kwindi l-Ewwel Qorti ma kellhiex tinoltra ruhu fuq dina l-eccezzjoni mill-gdid fid-decizjoni taghha.

Illi indubbjament l-appellanti ghandu ragun, anke jekk ir-risoluzzjoni ta' dana l-aggravvju mhux ser jagevolah bl-ebda mod u dana fir-rigward tal-mertu tal-kaz. Dan ghaliex il-Qorti Kostituzzjonali fil-parti decizorja tas-sentenza ghaddiet sabiex annullat id-decizjoni kemm tal-qorti inferjuri kif ukoll ta' din il-Qorti kif diversament ippresjeduta biss fejn dawn esprimew il-gudizzju taghhom fuq il-mertu tal-kaz u mhux f'dik il-parti fejn giet deciza l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u dana meta ordnat:

"***illi l-atti tal-kawza msemmija quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) u tal-Qorti ta'l-Appell Sede Inferjuri jintbaghtu lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabiex tiddeciedi dwar it-talbiet fl-avviz/rikors 354/06SM <u>wara li tiehu</u>***

***<u>konjizzjoni tal-eccezzjoni numru 2</u>* *fir-risposta ta' Peter Montebello tal-05 ta' Marzu 2007 rigwardanti li ma ghandu jaghti xejn lis-socjeta attrici u li n-negozju li sar bejniethom snin qabel jinsab imhallas, u wara li tisma' l-provi li jistghu jgibu l-partijiet in sostenn tat-talbiet attrici u/jew tal-eccezzjoni imsemmija f'dik il-kawza.***"

Illi ghalhekk l-Ewwel Qorti erronjament iddecidiet illi l-Qorti Kostituzzjonali kienet annullat is-sentenzi moghtija *in toto* billi dan mhuwiex rifless fid-*decide* tal-Qorti meta espressament annullat id-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati "*in kwantu dik is-sentenza irrespingiet l-eccezzjonijiet fil-mertu tal-intimat f'dik il-kawza,*" u ta' din il-Qorti kif diversament ippresjeduta "*in kwantu cahhdet l-appell fuq il-mertu tat-talbiet attrici*."

Dan premess, allura, dak li kellha tistharreg l-Ewwel Qorti kien biss il-mertu tal-kaz rigwardanti l-allegat pagament u xejn iktar. Ghal dawn il-motivi l-ewwel aggravvju qed jigi milqugh u d-decizjoni ta'l-Ewwel Qorti sa fejn l-istess kienet titratta l-eccezzjoni tal-preksrizzjoni sollevata mill-konvenut qed tigi revokata, dan ghaliex il-gudizzju dwar l-istess kien diga ghadda in gudikat permezz tas-sentenza ta' dina l-Qorti kfi diversament ippresjeduta tat-13 ta' Marzu 2009.

Illi l-ahhar aggravvju sollevat mill-appellanti jikkoncerna unikament l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti in konnessjoni mal-eccezzjoni tal-pagament moghtija minnu. Jishaq l-appellanti, illi huwa ressaq provi sufficjenti li jindika illi kien effetwa pagamenti permezz ta' cekkijiet fl-ammont ta' Lm7000 tant ghalhekk illi l-ammont reklamat mis-socjeta appellata jinsab saldat. Illi s-socjeta appellataipprezentat rendikont minn fejn jirrizulta illi tlieta mill-hames pagamenti li l-appellanti jishaq illi ghamel, huma diga

imnaqqsa mill-kont tieghu[1]. Dan jikkombacja ukoll mar-ricevuti esebieti mill-istess appellanti li jinsabu a fol.96 ta'l-atti bin-numri 20642 u 20687. Anke l-ahhar pagament li l-appellanti ghamel permezz ta' cekk numru 1054 ukoll jinsab maqtugh mill-kont tieghu. Kwindi jifdal zewg pagamenti maghmula permezz ta' cekk numru 921 u iehor li igib in-numru 971 l-ewwel wiehed fl-ammont ta' Lm1500 u it-tieni wiehed ta' Lm1000 datati 24 ta' April 1998 u 24 ta' Lulju 1998. Illi ghar-rigward tac-cekk fl-ammont ta' Lm1500, xehdet Audrey Ghigo in rappresentanza tal-HSBC Bank fejn ikkonfermat illi kien sar pagament lis-socjeta appellata permezz ta' dan ic-cekk u fil-fatt sussegwentement ghal dina ix-xhieda s-socjeta appellata irriduciet it-talba taghha b'dan l-ammont biex b'hekk fadal bilanc dovut ta' €4244.02. Illi ghar-rigward tac-cekk datat 24 ta' Lulju 1998 fl-ammont ta' Lm1000 li jidher fuq id-dokument esebiet a fol.105 tal-atti probatorji, jirrizulta illi inharget ricevuta ghal dan ic-cekk li tinsab esebieta a fol. 96 bin-numru 20469. Dan izda ma huwiex rifelss fir-rendikont esebiet mis-socjeta appellata, Dokument CF1 a fol.38 billi l-uniku pagament ta' Lm1000 li sar fix-xahar ta' Lulju igib id-data tas-07 tax-xahar bir-ricevuta numru 20468. Mill-istess rendikont il-hlas tal-24 ta' Lulju 1998 ma jiffigura imkien u lanqas ir-ricevuta numru 20469. Illi s-socjeta appellanti naqqset milli taghti spjega ta' dana l-hlas u kif l-istess ma tnaqqasx mir-rendikont mahrug f'isem l-appellanti jew jekk huwiex l-istess wiehed li jinsab indikat bir-ricevuta numru 20468. Kwindi l-Qorti hija tal-fehma illi anke dan l-ammont li jidher li thallas, izda ma tnaqqasx mill-ammont mitlub ghandu jitnaqqas billi s-socjeta appellanti naqqset milli tikkumbatti ghall-prova tal-pagament li ressaq l-appellanti in konnessjoni ma' dan l-ammont. Fil-fatt Carmelo Fenech in rappresentanza tas-socjeta appellata jishaq illi l-kumpanija m'ghandhiex aktar fil-pussess taghha id-dokumenti tan-negozju bhal ricevuti u *invoices*. Ghaldaqstant it-tieni aggravvju imressaq mill-appellanti qed jigi

[1] Fol.38 tal-process

milqugh limitatament billi ser issir riduzzjoni ulterjuri fl-ammont ta' Lm1000 ekwivalenti ghal €2329.38.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed tilqa' l-ewwel aggravju sollevat mill-appellanti u tilqa' limitatament t-tieni aggravju b'dan illi tirrevoka id-decizjoni ta' l-Ewwel Qorti fejn dina laqghet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u tirriformaha fejn l-appellanti gie ikkundannat ihallas lis-socjeta appellata is-somma ta'€4244.02 billi minflok tikkundanna lill-appellanti ihallas lis-socjeta appellata is-somma ta' €1914.64 bl-imghaxijiet mis-16 ta' Novembru 2006.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------